# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 25/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Roderick Cassar**

Illum it-tlieta (3) ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Roderick Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0446480(M), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**Fl-Ewwel (1) Kap**
**Omiċidju Volontarju bl-Aggravant tal-Femiċidju:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu (7am-9am) ġewwa ż-Żona**

**Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioè lill-mara tiegħu Bernice Cassar jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt b'dana illi tali omiċidju volontarju huwa wkoll femiċidju fit-termini tal-liġi *stante* illi rriżulta minn vjolenza kommessa minn sieħeb intimu li miegħu l-vittma kienet f'relazzjoni jew hija l-konjuġi, kif ukoll illi tali omiċidju kien ir-riżultat ta' vjolenza minn membru tal-familja, kif ukoll illi twettaq għal raġunijiet misoġini.**

**Fit-Tieni (2) Kap**
**Arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u d-disgħa ta' filgħodu (09.00am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna u ċioè lil Bernice Cassar, kontra l-volonta' tagħha, liema persuna ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema persuna kienet ukoll il-konjuġi attwali tiegħu u wkoll kellha żewġt itrabi in komuni miegħu.**

**Fit-Tielet (3) Kap**
**Vjolenza kontra l-Privat:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u d-disgħa ta' filgħodu (09.00am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer uża vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, sfurzar, sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna, u ċioè ta'**

**Bernice Cassar, li kienet il-konjuġi attwali tiegħu u wkoll kellha żewġt itrabi in komuni miegħu.**

**Fir-Raba' (4) Kap**
**Pussess ta' Armi tan-Nar waqt l-għemil ta' xi reat:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u d-disgħa ta' filgħodu (09.00am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer fil-ħin li huwa kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' arma tan-nar, arma regolari jew munizzjon.**

**Fil-Ħames (5) Kap**
**Pussess ta' Arma tan-Nar Jew Munizzjon mingħajr Liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u d-disgħa ta' filgħodu (09.00am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon, mingħajr liċenzja maħruġa lilu mill-Kummisssarju tal-Pulizija.**

**Fis-Sitt (6) Kap**
**Akkwista Arma tan-Nar u Munizzjon mingħajr Liċenzja u ma avżax lill-Kummissarju tal-Pulizija:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u d-disgħa ta' filgħodu (09.00am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer bħala persuna li akkwista jew ġiet**

f'idejh xi arma tan-nar u munizzjon xort'oħra milli għax kellu liċenzja, naqas milli minnufih javża lill-Kummisssarju tal-Pulizija.

Fis-Seba' (7) Kap
Serq ta' Telefon Ċellulari u Ċavetta tal-Vettura tal-Vittma Bernice Cassar:

Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) u d-disgħa ta' filgħodu (09.00am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer seraq it-telefon ċellulari u ċavetta tal-vettura tal-għamla Nissan tat-tip Qashqai bin-numru tar-reġistrazzjoni CCM-179, għad-dannu ta' l-istess mara tiegħu Bernice Cassar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur ma hux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u wkoll ikkwalifikat bil-vjolenza stante li sar flimkien ma' l-omiċidju volontarju tal-istess martu Bernice Cassar.

Fit-Tmien (8) Kap
Ħsara Volontarja fuq il-Vettura ta' Bernice Cassar:

Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu (7am-9am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, b'mezzi xort'oħra volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè vettura tal-għamla Nissan tat-tip Qashqai bin-numru tar-reġistrazzjoni CCM-179 għad-dannu ta' Bernice Cassar, liema ammont tal-ħsara huwa iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) iżda ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2500).

Fid-Disa' (9) Kap
Ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni:

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu (7am-9am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, meta qatel lil Bernice Cassar, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni ta' Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurta' ta' Bernice Cassar.**

**<u>Fl-Għaxar (10) Kap</u>**
**<u>Inġurji jew Theddid kontra Paul Spiteri</u>:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu (7am-9am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, inġurja jew hedded lil Paul Spiteri.**

**<u>Fil-Ħdax-il (11) Kap</u>**
**<u>Ksur Ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet tal-Pubbliku</u>:**

**Talli nhar it-22 ta' Novembru 2022 bejn is-sebgħa u d-disgħa ta' filgħodu (7am-9am) ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Kordin, kantuniera ma' Triq il-Baċir, Raħal Ġdid, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.**

**<u>Fit-Tnax-il (12) Kap</u>**
**<u>Ma Obdiex l-Ordnijiet Leġittimi tal-Awtorita'</u>:**

**Talli fit-22 ta' Novembru 2022 u fit-23 ta' Novembru 2022 ġewwa Triq Il-Kartaġiniżi, il-Qrendi, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu.**

**Fit-Tlettax-il (13) Kap**
**Ġab ruħu li ta Fastidju lil Bernice Cassar:**

**Talli fit-22 ta' Novembru 2022, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula minnu b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Bernice Cassar li hija l-konjuġi attwali tiegħu u wkoll kellha żewġt itrabi in komuni miegħu.**

**Fl-Erbatax-il (14) Kap**
**Ġab Ruħu li Kien Jaf jew Messu Kien Jaf li Ta Fastidju lil Bernice Cassar:**

**Talli fit-22 ta' Novembru 2022, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula minnu b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan kien ta fastidju għal Bernice Cassar li hija l-konjuġi attwali tiegħu u wkoll kellha żewġt itrabi in komuni miegħu.**

**Fil-Ħmistax-il (15) Kap**
**Segwiment ta' Bernice Cassar bil-Moħbi u Kkaġunar ta' Biża' ta' Vjolenza:**

**Talli fit-22 ta' Novembru 2022, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula minnu b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li l-imġieba tiegħu ammontat għal segwiment ta' persuna, u ċioè Bernice Cassar, bil-moħbi, liema persuna hija l-konjuġi attwali tiegħu u wkoll kellha żewġt itrabi in**

**komuni miegħu, u wkoll ikkaġuna lill-istess Bernice Cassar tibża' f'għallinqas żewġ okkażjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha.**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Roderick Cassar, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fit-13 ta' Mejju 2024.[1]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-14 ta' Ġunju 2024[2] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Roderick Cassar.

4. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

5. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

6. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jeċepixxi n-nullita' tat-Tlettax (13) u l-Erbatax (14) il-Kap tal-Att tal-Akkuża. Huwa jargumenta li ma ġiex indikat l-artikolu tal-liġi li minnu toħroġ il-piena u dan bi ksur ta' Artikolu 589(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*) l-Avukat Ġenerali jirribatti billi jgħid li l-liġi titkellem b'mod ċar u titlob li jiġi kkwotat l-artikolu tar-reat. Minbarra dan, waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm, l-Avukat Ġenerali jisħaq li anke jekk din il-Qorti tiċħad dan il-punt dan ma jwassalx għan-nullita' tal-Kapi tal-Att ta' Akkuża msemmija mill-akkużat iżda se mai dan iwassal għal korrezzjoni tal-atti. L-Avukat Ġenerali jsemmi wkoll l-elementi li għandu jkun fih il-Kap tal-Att tal-Akkuża u jsostni li dawn l-elementi dejjem saru b'mod korrett.

[1] *A fol.* 45 *et seq.*
[2] *A fol.* 66 *et seq.*

8. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-eċċezzjoni in eżami. Hija taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali rigward l-interpretazzjoni ta' Artikolu 589(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jaqra hekk:

> "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
>
> [...]
>
> (d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."

9. Illi minn qari ta' dak hawn fuq ċitat jidher biċ-ċar li r-rekwiżit tal-liġi huwa li jiġi msemmi l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat u mhux l-artiklu tal-liġi li jikkontempla l-piena. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Spiteri** (Numru 43/2007) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Issa l-artikolu 589(d) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li fost ir-rekwiżiti tal-att ta' l-akkuża, trid issir it-talba "*sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skond il-liġi tista' tingħata skond kif jiġi dikjarat ħati l-akkużat.*"
>
> Mela għandu jissemma l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat biss għall-fini tat-talba dwar il-piena. Issa, skond l-Artikolu 599(2) tal-Kodiċi Kriminali kull żball fir-referenza għall-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' liġi oħra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet

mitluba fl-att ta' l-akkuża, jista' jiġi korreġġut f'kull żmien sakemm tingħata s-sentenza. Dan oltre dak li ġa ġie osservat b' iferenza għall-Artikolu 597(1) u (2) dwar korrezzjoni ta' żbalji fl-att ta' l-akkuża.

Għalhekk dan id-difett fl-att tal-akkuża, li ġustament qed jilmenta minnu l-akkużat, ma jwassalx għan-nullita' tal-ewwel kap tal-att tal-akkuża kif qed jippretendi l-akkużat, għaliex jista' jiġi rimedjat bil-korrezzjoni opportuna, kif ser jiġi ordnat minn din il-Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza." [emfażi miżjuda]"

10. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat minn liema għandu jsegwi li l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat għandha tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

11. Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jitlob l-inammissibilita' tax-xiehda ta' Joseph Cilia (*a fol.* 97 *et seq.* u *a fol.* 1568 *et seq.),* Daniel Aquilina (*a fol.* 516 *et seq.*), Silvana Darmanin (*a fol.* 1297 *et seq.*), Moira Grech (*a fol.* 1593 *et seq.*), Alessia Cilia Portelli (*a fol.* 1599 *et seq.*), Julianne Attard (*a fol.* 1653 *et seq.*), u Petra Jones (*a fol.* 1657 *et seq.*) f'dawk il-punti li jikkostitwixxu *hearsay evidence* u/jew huma bbażati fuq opinjonijiet.

12. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jargumenta li x-xhieda msemmija mill-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami kollha ddeponew dwar fatti u kliem li ntqalu lilhom direttament.

13. Illi huwa ormai stabbilit li l-inammissibilita' ta' prova hija dipendenti fuq jekk hemmx xi dispożizzjoni tal-liġi li tistabbilixxi tali inammissibilita'. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet

**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja et** (Numru 9/2008) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "11. Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova."

14. Illi rigward *hearsay evidence*, din il-Qorti tinnota li tali evidenza tista' tkun ammissibbli. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn dwar *hearsay evidence*, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano l-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:
>
>> "21. Bir-rispett kollu, il-*hearsay rule* tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>>
>> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>>
>> 22. Fil-fatt fil-kawża **'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija'** il-Qorti

Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-*hearsay* m'għadhiex stretta daqs qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **'AlKhawaja and Tahery versus the United Kingdom'** tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'paragrafu 130:

*'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in AlKhawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9-19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma

sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorrobora provi oħra. (Ara: **Subramianiam v. Public Prosecutor** (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).[3] Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ **'Al-khawaja vs. UK'** jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 res applikabbli għall-Kap. 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar."

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

[3] "Archbold: 2003, paġna 1243, paragrafu 11-9."

"Li l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-Artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 reżi applikabbli għall-Kap. 9 bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew *social worker*, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-Artikolu 599 tal-Kap. 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi l-każ **'Joseph**

**Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'** (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

'Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 **'Il-Pulizija versus Fabio Schembri'** preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr. Silvio Camilleri)."

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-***hearsay evidence*** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> "Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali leġittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.""

15. Illi għalhekk huwa ċar li anke jekk ix-xiehda mogħtija mix-xhieda msemmija fit-tieni eċċezzjoni tal-akkużat tikkostitwixxi *hearsay*, din xorta hija ammissibbli. Meta l-akkużat jilmenta dwar *hearsay evidence* huwa jkun qed jattakka l-valur probatorju tax-xiehda mogħtija mix-xhieda ndikati minnu. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Azzopardi** (Numru 26/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta illi sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri sabiex jara illi ma jsirx abbuż u billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati rigward ir-regoli tal-*hearsay evidence*. Magħdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat illi *a priori*, x-xhieda minnu ndikati huma inammissibbli. Illi fuq kollox għalkemm l-akkużat jilmenta illi x-xhieda minnu ndikati

jikostitwixxu *hearsay evidence*, hu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qiegħed isib oġġezzjoni għaliha u din il-Qorti ma tistax ċertament f'dan l-istadju teżamina l-atti bil-għan illi tagħmel apprezzament ta' dak li jingħad billi dan il-kompitu għandu jitħalla f'idejn il-ġurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif ingħad jingħataw direzzjoni mill-Imħallef togat dwar l-ammissibilita *o meno* ta' xi partijiet mix-xhieda.[4]"

16. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat b'konsegwenza ta' liema t-tieni eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

17. Illi fit-tielet eċċezzjoni l-akkużat jisħaq dwar l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kwalunkwe dokument konsistenti f'messaġġi, *calls* jew *video calls* li ġew indikati mix-xhieda bħala messaġġi, *calls* jew *video calls* mibgħuta minn Bernice Cassar u dana minħabba li, skont hu, jikkostitwixxu *documentary hearsay evidence*.

18. Illi dwar din l-eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*) l-Avukat Ġenerali jirribatti billi jgħid li l-akkużat ma indika l-ebda xhud u għalhekk l-eċċezzjoni minnu mressqa ma ssibx konfort fil-liġi. L-Avukat Ġenerali jgħid ukoll li x-xhieda kollha ddeponew dwar fatti u kliem li ntqalu lilhom direttament.

19. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal dak li ngħad fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni fir-rigward tal-prinċipju tal-inammissibilita' tal-provi u tapplikah hawn.

[4] "Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Lebrun** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018."

20. Illi f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tidħol biex tixtarr il-messaġġi in kwistjoni. Biss pero' din il-Qorti tinnota li bħala parti mix-xiehda li hemm fl-atti proċesswali hemm l-espert li għamel estrazzjoni tal-messaġġi li kien hemm fuq iċ-ċellulari ta' Bernice Cassar u tal-akkużat. Huwa żgur li din l-evidenza hija ammissibbli. Minbarra dan, għal darba oħra din il-Qorti tirrimarka li dak li qed jattakka l-akkużat huwa l-valur probatorju ta' dawn il-messaġġi u konsegwentement sta għal Imħallef togat li waqt il-ġuri jidderieġi lill-ġurati sabiex iqisu tali messaġġi fil-kuntest li fihom ġew eżebiti u allura jagħtu lilhom l-attenzjoni li hija konsona ma' tali messaġġi.

21. Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, anke it-tielet eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**

22. Illi fir-raba' eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jitlob l-inammissibilita' u l-isfilz tax-xiehda ta' PS 1561 Ian Farrugia[5] u ta' kwalunkwe xhieda b'riferenza għal inkarigu tal-istess Surġent kif ukoll il-parti tar-rapport redatt minnu[6] qabel ma nħatar bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti.

23. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-mod ġenerali ta' kif hija miktuba l-eċċezzjoni in eżami u jafferma li dan irrendi l-eċċezzjoni nulla.

24. Illi din il-Qorti tinnota li l-akkużat ma jagħti l-ebda raġuni għalfejn qed jitlob l-isfilz tax-xiehda ta' PS 1561 Ian Farrugia u ta' kull xiehda b'riferenza għal inkarigu tal-istess surġent kif ukoll il-parti tar-rapport redatt minnu qabel ma inħatar bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti. Din il-Qorti tista' biss tispekula għalfejn dan qed jintalab u żgur mhux dan ir-rwol ta' din il-Qorti.

[5] *A fol.* 436 *et seq.*
[6] Dok. "PF 1" – *a fol.* 449 *et seq.*

25. Illi għalhekk din il-Qorti filwaqt li tirreferi għal dak li ngħad fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi u tapplikah hawn, hija ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tqis ix-xiehda in kwistjoni bħala inammissibbli.

26. Illi anke jekk wieħed iqis il-parti ndikata mill-akkużat fl-eċċezzjoni tiegħu fejn jirreferi għall-possibbilita' li x-xhud imsemmi għamel xi xogħol qabel ma tqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti, dan ma jkunx ifisser li dak ix-xogħol li jkun għamel jirrendih inammissibbli. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Azzopardi** (Numru 26/2023/1) li diġa' ġiet ċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni mmarkata bħala C6, l-akkużat qed jgħid illi x-xhieda ta' Marie Bajada u Lara Bonnici, lkoll *social workers* u impjegati mal-Aġenzija Appoġġ, m'humiex 'esperti' in materja ta' psikoloġija u psikjatrija jew esperti maħtura f'inkjesta, u għalhekk ma jikwalifikawx biex jitħallew jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Madankollu, dan anke jekk hu l-każ, bl-ebda mod ma jfisser illi x-xhieda tagħhom hija inammissibbli iżda għandha titqies bħala xhieda mogħtija minn xhud ordinarju u dak kollu li setgħu jikkonstataw huma fattwalment, jista' jinġieb u jintuża bħala prova."

27. Illi meħud dan t'hawn fuq in konsiderazzjoni, din il-Qorti ser tiċħad ir-raba' eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Ħames Eċċezzjoni

28. Illi fil-ħames eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jitlob l-inammissibilita' u l-isfilz tal-eżebiti bin-numru 22 BWZ SIU 1, 22 BWZ SIU 2 u BWZ SIU 3, konsistenti fi tliet skrataċ[7] kif ukoll ta'

[7] Dok. "IF 1" – *a fol.* 471 *et seq.*

kull rapport li sar b'riferenza għalihom u dan stante nuqqas ta' kontinwita' tal-hekk imsejħa *chain of evidence* mill-mument li nstabu u ġew elevati mill-Pulizija għal mument li ġew mgħoddija lill-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti.

29. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jargumenta li huwa ċar mill-atti proċesswali li ċ-*chain of evidence* ma ġietx miksura.

30. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Mizzi** (Numru 21/2022) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "103. Il-prinċipju taċ-'*chain of custody*' daqskemm iċ-'*chain of evidence*', huma fundamentali fi proċeduri kriminali in kwantu jservu ta' garanzija tal-awtentiċita' kif ukoll tal-oriġini tal-provi preżentati mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll ta' x'movimenti dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ikunu ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti. Tali evidenza tista' tieħu x-xejra ta' evidenza forensika bħal per eżempju l-ġbir ta' kampjuni ta' demm minn fuq ix-xena tar-reat f'każ ta' omiċidju jew inkella tkun tat-tip kartaċeja bħal fil-kawża in diżamina.
>
> 104. Il-Prosekuzzjoni ma tridx tħalli dubju f'moħħ minn irid jiġġudika l-fatti dwar it-traċċjabbilita', integrita' u awtentiċita' ta' dawk il-provi. Il-Prosekuzzjoni trid turi li dik l-evidenza li ġiet miġbura u maħżuna kienet awtentika u miżmuma b'mod integru sa minn meta nġabret sakemm tkun ġiet prodotta bħala evidenza fil-Qorti.
>
> [....]

> 114. Din il-Qorti tista' biss tiddikjara inammissibbli dawk il-provi li hija l-Liġi stess li teskludi l-produċibilita' tagħhom. Dan mhux il-każ hawnhekk. F'dan il-punt jekk il-ġurati jemmnux lil Dr. Godwin Sammut u lil Dr. Marisa Cassar dwar min irċieva xiex u meta, hija kwistjoni ta' fatt rimessa lil ġurati. Huma l-ġurati li jridu jikkonkludu, wara li jisimgħu x-xiehda tal-esperti Dr. Marisa Cassar u Godwin Sammut li jiddeċiedu fattwalment fuq il-prinċipju tal-kontinwita' tal-evidenza daqskemm fuq l-analiżi mwettqa mill-esperti relattivi u l-validita' tar-riżultanzi tagħhom." [emfażi miżjuda]

31. Illi dak ċitat hawn fuq ġie ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) meta fis-sentenza tagħha mogħtija fl-24 ta' Jannar 2024 fil-kawża msemmija hawn fuq (Numru 21/2022) qalet hekk:

> "64. Illi din il-Qorti taderixxi ruħha ma' din il-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali. Iżżid illi l-prova dwar il-kontinwita' tal-evidenza toħroġ mir-relazzjoni li dawn l-istess esperti ħejjew. Illi fuq kollox kemm Godwin Sammut, kif ukoll, Dr. Marisa Cassar u PC 813 Clinton Vella huma kollha indikati bħala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża. Għalhekk waqt id-depożizzjoni tagħhom, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ser ikunu f'pożizzjoni jixhdu dwar l-inkarigu lilhom mogħti, kif ġew elevati l-oġġetti, minn min ġew elevati, fil-presenza ta' min, min issiġġilla din l-evidenza materjali, min għamel l-eżamijiet forensiċi u finalment lil min ġew mgħoddija l-oġġetti wara li l-inkarigu tagħhom kien espletat. B'hekk il-katina tal-evidenza tiġi determinata mill-provi li ser jinġiebu mill-Prosekuzjoni waqt il-ġuri u mħollija għad-deċiżjoni tal-ġurati dwar il-validita' tal-evidenza hekk miġjuba u dan wara li l-istess jiġu ndirizzati mill-Imħallef togat u mgħotija d-direzzjoni opportuna. Għalhekk ikun prematur li f'dan l-istadju li fih jinsabu l-proċeduri l-evidenza tiġi sfilzata meta, kif tajjeb ikkonkludiet il-Qorti Kriminali, l-

kwistjoni dwar it-traċċabbilita' tal-evidenza għad trid tiġi mistħarrġa u determinata mill-ġurati. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud."

32. Illi din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tistħarreġ il-fatti sabiex tiddetermina jekk iċ-*chain of evidence* ġietx miksura jew le. Anke jekk dan kien minnu, għal darba oħra, dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija kontestazzjoni dwar il-valur probatorju tal-iskrataċ in kwistjoni. Għalhekk applikat dak hawn fuq ċitat għal każ odjern jirrizulta illi anke l-ħames eċċezzjoni tal-akkużat ser tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Is-Sitt Eċċezzjoni</u>**

33. Illi fis-sitt eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jitlob l-inammissibbilita' u l-isfilz mill-atti proċesswali tal-atti tal-medjazzjoni bin-numru 552/2002 fl-ismijiet **Bernice Cassar vs. Roderick Cassar**[8] kif ukoll ta' kull rapport u/jew xiehda b'riferenza għal istess, inkluż Dok. "ESX 1" (*a fol.* 1993 *et seq.*).

34. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jargumenta li l-akkużat ma jagħtix raġuni għalfejn l-atti msemmija minnu fl-eċċezzjoni in eżami għandhom jiġu sfilżati u għalhekk jisħaq li tali eċċezzjoni hija nulla. Minbarra dan, skont l-Avukat Ġenerali dawn l-atti msemmija mill-akkużat fis-sitt eċċezzjoni tiegħu huma importanti peress li minnhom toħroġ id-dinamika li tispjega r-raġuni għalfejn l-akkużat wettaq il-qtil ta' martu.

35. Illi din il-Qorti tinnota li permezz ta' provvediment mogħti fis-7 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 1917), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fl-atti tal-kumpilazzjoni jiġu ppreżentati l-atti tal-medjazzjoni bin-numru 552/2022 fl-ismijiet **Bernice Cassar vs. Roderick Cassar**.

[8] Dok. "ECXX 1" – *a fol.* 1793 *et seq.*

36. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-akkużat ippreżenta r-Risposta tiegħu għar-Rikors imsemmi fil-paragrafu preċedenti tardivament, f'liema Risposta oġġezzjona għat-talba tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.

37. Illi permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2023 (*a fol.* 1914), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat ħamest (5) ijiem utili lill-partijiet għar-Risposta. Jirriżulta li fit-28 ta' Ġunju 2023 (*a fol.* 1916) l-akkużat ġiet notifikat bir-Rikors u bil-provvediment fejn ingħata żmien biex iwieġeb u li d-digriet finali dwar ir-Rikors ngħata wara li kien għadda ż-żmien mogħti biex tiġi ppreżentata t-tweġiba b'dan illi l-akkużat wieġeb wara li kien ingħata d-digriet finali.

38. Illi din il-Qorti tinnota li l-akkużat naqas li b'xi mod jew ieħor jissosstanzja l-eċċezzjoni in eżami. L-akkużat naqas li jressaq raġuni sodisfaċenti l-għaliex din il-Qorti għandha tilqa' s-sitt eċċezzjoni tiegħu. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni in eżami ser tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Is-Seba' Eċċezzjoni</u>**

39. Illi fis-seba' eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jitlob l-inammissibilita' u l-isfilz mill-atti proċesswali tal-Ordni ta' Protezzjoni jew Ordnijiet ta' Protezzjoni mogħtija mill-Qrati ta' Malta fil-konfront tiegħu rigwardanti Bernice Cassar u/jew il-familja tagħha[9] u kif ukoll kwalunkwe rapport u/jew xhieda b'riferenza għall-istess liema kawżi mertu tal-istess ordnijiet għadhom *sub-judice*.

40. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-akkużat ma ressaq l-ebda raġuni għalfejn dawn l-ordnijiet imsemmija mill-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami għandhom jiġu sfilzati u għaldaqstant jisħaq li t-talba tal-akkużat

[9] Dok. "SCT 1" – *a fol.* 2038 *et seq.*

fis-seba' eċċezzjoni tiegħu hija waħda nulla. L-Avukat Ġenerali jkompli jgħid li tali Ordni ta' Protezzjoni u dokumenti juru l-ksur tal-istess.

41. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali li fis-seba' eċċezzjoni tiegħu l-akkużat ma tax raġuni u dana minħabba li mill-eċċezzjoni msemmija jirriżulta li hija bbażata fuq il-fatt li l-kawżi mertu tal-istess ordnijiet għadhom *sub-judice*. Minkejja dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija fil-21 ta' Frar 2024 mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali (*a fol.* 2037) fejn hija ppreżentat: (a) kopja tal-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco fis-27 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 2045), u (b) ċitazzjoni kontra Roderick Cassar (*a fol.* 2046).

42. Illi, apparti dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-akkużat, din il-Qorti tinnota li ma ġiex sostanzjat dak imsemmi mill-akkużat fis-seba' eċċezzjoni tiegħu u għaldaqstant anke is-seba' eċċezzjoni ser tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tmien Eċċezzjoni</u>**

43. Illi fit-tmien eċċezzjoni l-akkużat jitlob l-inammissibilita' u l-isfilz konsegwenzjali mill-atti proċesswali ta' kull rapport mal-Pulizija u/jew awtoritajiet oħrajn u/jew riferenza għall-istess rapporti li saru minn Bernice Cassar u/jew familjari jew ħbieb tagħha fil-konfront ta' Roderick Cassar u jew *vice-versa* li ma humiex mertu tal-akkużi indikati fl-Att tal-Akkuża u/jew huma suġġetti għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

44. Illi fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 66 *et seq.*), l-Avukat Ġenerali jirribatti għal din l-eċċezzjoni billi jilmenta li l-mod ġenerali li biha hija miktuba jrendieha nulla. Jargumenta wkoll li l-provi miġbura waqt il-kumpilazzjoni huma kollha in sostenn tal-akkużi li huma fl-Att ta' Akkuża.

45. Illi dak li qed jitlob l-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami huwa l-inammissibbilita' tar-rapporti magħmula minn Bernice Cassar, mill-familjari jew ħbieb tagħha u mill-akkużat. Tajjeb f'dan ir-rigward li ssir riferenza għal dak li ntqal preċedentement dwar l-ammissibbilita' tal-provi u ċioè li sakemm ma hemmx xi artikolu tal-liġi li jipprojbixxi l-preżentazzjoni ta' prova partikolari, tali prova hija ammissibbli.

46. Illi stabbilit dan, din il-Qorti tara li ma hemm l-ebda Artikolu li jipprekludi milli jiġu ppreżentati r-rapporti msemmija fl-eċċezzjoni in eżami. Anke jekk wieħed kellu jqis it-talba tal-akkużat fit-tmien eċċezzjoni, minn analiżi akkurata tar-rapporti li hemm fl-atti proċesswali, din il-Qorti, mingħajr bl-ebda mod ma tagħmel xi forma ta' dikjarazzjoni dwar il-mertu, tqis li jista' jkun hemm rilevanza fl-istess rapporti.

47. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, anke l-eċċezzjoni in eżami ser tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

48. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat.

49. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**